# Carlo Diacono 75 Sena minn Mewtu

## Is-Sur Charles Debono

Din is-sena qed infakkru l-75 anniversarju mill-mewt ta' Żejtuni li bil-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu għamel ġieħ kbir mhux biss lilna ż-Żwieten imma lil Malta kollha.

Carlo Diacono twieled iż-Żejtun nhar l-1 t'April, 1876 fil-palazz fejn illum hemm il-Każin tal-banda Beland. Nannuh GioBatta kien neguzjant magħruf tal-qotnina u saħansitra kellu brigantina bl-isem ta' *Despatch* li permezz tagħha kien jinnegozja l-qoton bejn Malta, Sqallija u l-Afrika ta' Fuq. Kien ukoll bniedem li jħobb l-arti u nsibu li fl-1843 kien waqqaf l-Orkestra taż-Żejtun. Meta GioBatta miet fl-1849, l-orkestra għaddiet f'idejn ibnu Orazio li wettaq riforma f'din l-orkestra bil-għajnuna tal-mużiċista u kompożitur Naplitan Michele De Ferraris. Aktar tard fl-1860 din l-orkestra ġiet trasformata f'banda li llum insibuha bl-isem Beland.

Kien f'dan l-ambjent mużikali qawwi li trabba ċ-ċkejken Carlo. Ma setax jonqos għalhekk illi ta' eta' zgħira wera inklinazzjoni kbira lejn il-mużika. Kien jorganizza l-festa ta' San Ġużepp fil-knisja ċkejkna li kellu bil-mużika miktuba minnu u bil-kant ta' ħbiebu. Jidher li l-ewwel lezzjonijiet mużikali ħadhom mingħand missieru li kien ukoll vjolinista. L-istoriku mużikali, is-Sur Joe Vella Bondin jgħid li Carlo kien aktarx jieħu ukoll xi lezzjonijiet mingħand De Ferraris. Fl-eta' ta'



**Ikompli...**

għaxar snin ħareġ idoqq il-kwartin mal-Banda Beland fil-purċissjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. Aktar tard insibuh idoqq l-harmonium fil-festi li kienu jsiru fil-kappelli tal-parroċċa. Fis-sena 1892, Carlo kien diġa' idoqq l-orgni fil-parroċċa tagħna.

Fis-snin ta' wara kien ukoll jidderieġi l-mużika fil-ġranet tat-Tridu u fil-quddiesa tat-TE Deum fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katarina.

Hawn nistgħu ngħidu li twaqqfet il-Cappella Diacono li għadha magħna qawwija u sħiħa sal-ġurnata tal-lum Fis-sena 1897, il-kumitat tal-Għaqda Mużikali Beland ħatru unanimament bħala Direttur mużikali fejn dam sal-1903 meta kellu jħalli l-kariga minħabba l-istudju tiegħu fl-iskola tal-mużika li kien waqqaf il-magħruf Paolino Vassallo. Banda oħra li tagħha Carlo kien Surmast Direttur kienet il-Banda San Gorg ta' Bormla.

Is-sena 1903 kienet providenzjali għal Carlo għaliex il-qaddis Papa Piju X ħareġ id-digriet tal-*Motu Proprio* li bih ried jistabbilixxi parametri ġodda għall-mużika sagra. Dak iż-żmien kienu fl-aqwa tagħhom il-Cappelli Bugeja u Nani li l-mużika li kienu jikkomponu u jesegwixxu xejn ma' kienet tixraq lid-dar t'Alla.

Diacono mill-ewwel ħataf l-okkażjoni u beda jikkomponi mużika skont il-parametri tal-*Motu Proprio*. L-ewwel xogħlijiet tiegħu fosthom il-Messa nru. 2 u Messa nru. 3 u Responsorji ġew approvati mill-Vatikan. Minn hawn 'l quddiem Diacono ma ħarisx lura u l-mużika tiegħu bdiet tieħu post dawk ta' Bugeja u Nani speċjalment fil-festi liturġiċi tal-knisja. Il-kummissjonijiet fil-festi titulari żdiedu bil-bosta speċjalment permezz tal-antifoni sbieħ li beda jikkomponi u li għadhom popolari sal-lum speċjalment fil-festi titulari. Fis-sena 1920, Diacono nħatar uffiċjalment organist tal-parroċċa ta' raħal twelidu għalkemm kien ilu żmien jagħmilha ta' organist. Kienu snin meta l-popolarita' ta' Carlo Diacono kienet fl-aqwa tagħha wara s-suċċess kbir tiegħu bl-opra L'Alpino li ġiet esegwita fit-Teatru Rjal fis-16, 17, 23, 28 t'April u fit-2 ta' Mejju tal-1918. Fl-istess żmien ikkompona l-innu immortali 'A Santa Caterina' (Dei Sacri Ministri) għall-Banda Beland u aktar tard innu ieħor għall-Orchestra S. Caterina bl-isem 'O Santa Verginella'.

Il-fama tiegħu tant kibret illi meta fl-1923 miet Paolino Vassallo li

allura kien il-Maestro di Cappella tal-Katidral, l-Arċisqof ta' dak iż-żmien Don Mauro Caruana ħatru direttament Maestro di Cappella mingħajr ma resaq għall-konkors. Is-Surmastrijiet tal-baned tal-belt Valetta kemm Botti kif ukoll Doncic kienu jitolbu l-pariri tiegħu u jikkonsultawh ta' spiss.

Bosta surmastrijiet barranin kienu jammiraw il-mużika tiegħu. Surmastrijiet bħal Zandonai, Pizzetti, Refice, Perosi u saħansitra Mascagni kollha kellhom kliem ta' tifħir u saħansitra Lorenzo Perosi stqarr li Diacono huwa lussu għal Malta.

Il-mużika tiegħu għadha ħajja fostna speċjalment fil-ġranet sbieħ tal-festi meta nitpaxxew bil-mużika sabiħa li kkompona speċjalment għall-festa ta' raħal twelidu li tant kien iħobb. Għalkemm is-Surmast Diacono ħalliena 75 sena ilu u l-fdalijiet tiegħu jinsabu fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku ż-Żejtun kif kien xtaq hu, imma l-mużika tiegħu għadha ħierġa minn qabru biex nitpaxxew biha.

